MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 2252/2004

**Mobisle Communications Limited**
**vs**

**Jones Marisa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hmistax-il lira Maltija u disghin centezmu (Lm515.90), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 10282 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2004 u Lulju 2004.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 t'April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hmistax-il lira Maltija u disghin centezmu (Lm515.90), bl-imghax legali mill-21 ta' Ottubru, 2004 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------